**17 ta' Frar, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Anthony Pellegrini ne. et pr.

*versus*

Maurice Abela ne.

**Assemblea Legislattiva — Elezzjonijiet — "Electoral Commissioner" — Ġurisdizzjoni — "Partit tal-Ħaddiema" (Malta Labour Party) — "Partit tal-Ħaddiema Nsara" — Art. 7(1) tal-Kap. 163 — "Polling Regulations" Reg. 27 (6) — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 340 tal-1947**

*Il-Kummissjoni Elettorali, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet espressi fil-liġi, għandha d-dmir li tagħmel, fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħha, dak kollu li jidhrilha neċessarju għat-tmexxija ta' elezzjoni, basta li xejn ma jsir minnha li jkun kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Elettorali. U fost ir-regolamenti tal-votazzjoni maħruġa mill-Gvernatur bis-saħħa ta' dik il-liġi hemm dak li jiddisponi illi, jekk xi votant jitlob lill-assistent kummissjunarju jaqralu l-ismijiet tal-kandidati ta' partit wieħed partikulari, l-assistent kummissajunarju għandu jagħmel dan billi jaqralu fl-ordni alfabetiku l-ismijiet tal-kandidati li jkunu jikkontestaw l-elezzjoni fl-interess ta' dak il-partit u jħallu barra l-ismijiet tal-kandidati l-oħra kollha.*

*F'dan il-qadi ta' dmirijiet il-Kummissjoni Elettorali għandha poteri diskrezzjonali, li però għandhom ikunu fil-konfini tal-liġi u tar-regolamenti maħruġin taħtha. Għalhekk, il-Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja ma issindakawx, bħala regola, l-eżerċizzju ta' dawk il-poteri diskrezzjonali, sakemm dawn jiġu eżerċitati fil-limiti tal-liġi; b'mod illi l-Qrati jkollhom ġurisdizzjoni li jippronunzjaw ruħhom dwar l-eżerċizzju ta' dawk l-poteri biex jaraw biss jekk ġewx eżerċitati skond l-istess liġi, u fil-każ biss li ma jsibuhomx hekk eżerċitati jistgħu jiddikjarawhom "ultra vires" u ta' ebda effett.*

*Fil-każ preżenti, il-Kummissjunarju Elettorali ta' direttivi lill-assistenti kummissjunarji biex jekk xi votant fl-elezzjoni li kienet miexja jitlobhom jgħinuh biex jivvota għall-Partit tal-Ħaddiema, huma kellhom jaqrawlu l-ismijiet tal-kandidati tal-Malta Labour Party u l-attur ippretenda li dawk id-direttivi kellhom jitħassru għaliex kienu jġibu konfużjoni mal-kandidati tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara. Iżda l-Qorti rriteniet illi ma kellhiex ġurisdizzjoni tissindaka l-istruzzjonijiet tal-Kummissjunarju Elettorali, billi dawn ingħataw fil-poter diskrezzjonali ta' dak l-uffiċjal u ma kienux barra mill-poteri tiegħu skond il-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun, premess illi l-konvenut nomine ħareġ istruzzjonijiet lill-Assistant Commissioners biex, fil-każ li votanti inalfabeti jew inkapaċi li jiktbu jgħidu lill-istess

Assistant Commissioners li jridu jivvutaw għall-Partit tal-Ħaddiema, dawn għandhom jinterpretaw il-kelmiet "Partit tal-Ħaddiema" bħala jfissru "Malta Labour Party"; premess illi l-Malta Labour Party huwa magħruf "Il-Partit Laburista", u t-traduzzjoni uffiċjali tal-kelma "Labour" hija "Xogħol"; u premess illi l-konvenut nomine, għalkemm mitlub diversi drabi mill-attur proprio et nomine, irrifjuta li jirtira l-istruzzjonijiet fuq imsemmija; u peress illi l-imsemmija istruzzjonijiet huma ta' preġudizzju għall-attur proprio et nomine, Leader tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara; talab illi, għar-raġunijiet fuq imsemmija, (1) jiġi dikjarat minn din il-Qorti illi l-istruzzjonijiet minnu mogħtija kif intqal fuq huma nġusti u qarrieqa, fis-sens li jistgħu jisgwidaw l-elettur, u dan bi preġudizzju tal-attur *proprio et nomine*; (2) u konsegwentement din il-Qorti tordna lill-konvenut li jirtira l-istruzzjonijiet fuq imsemmija. B'riżerva għall-kull azzjoni oħra; u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenut oppona illi huwa, fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu taħt l-Electoral (Polling) Ordinance, Kapitolu 163 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jagħmel dak kollu li jidher lilu xieraq għat-tmexxija tal-elezzjoni, u meta hu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu, l-aġir tiegħu mhuwiex ċensurabbli ġudizzjarjament; u li għalhekk din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-kawża; u subordinatament, u bla preġudizzju tal-premess, l-interess u d-dover tal-eċċipjenti jeżiġi illi ma jkunx hemm dak li ġie kwalifikat bħala "inġust u qarrieqi" fiċ-ċitazzjoni, fil-każ ta' eletturi illetterati; u kien appuntu għalhekk illi ta' istruzzjonijiet. kif tahom fil-fatt, lill-Assistant Election Commissioners; għaliex il-Partit tal-Ħaddiema huwa l-Malta Labour Party, u mhux il-Partit tal-Ħaddiema Nsara. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-kontendenti jaqblu illi l-konvenut, fil-kwalità premessa, ta' istruzzjonijiet lill-Assistant Election Commis-

sioners għall-elezzjoni ġenerali li qegħdha ssir, biex, fil-każ li votant jitlob l-assistenza tal-Assistant Commissioners u jgħidilhom li hu jrid jivvota għall-Partit tal-Ħaddiema, huma għandhom jinterpretaw dawn il-kliem bħala jfissru għall-"Malta Labour Party";

L-attur, f'ismu propriju u bħala kap tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara, qiegħed isostni illi dawn id-direzzjonijiet huma "inġusti u qarrieqa", fis-sens li jistgħu jisgwidaw lill-eletturi bi preġudizzju għalieh personalment bħala wieħed mill-kandidati f'din l-elezzjoni, kif mhux kontestat, u bħala kap tal-partit riferit;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-insindakabbilità tal-operat tiegħu minn din il-Qorti;

Hija liġi — art. 7(1) tal-Kap. 163 — illi l-Kummissjoni Elettorali, "in the execution of their duties under this Ordinance — Kap. 163 — shall, in the absence of any express provision in this Ordinance contained, do all such things as appear to them to be necessary for the conduct of the election, provided that nothing shall be done by them contrary to the provision of this Ordinance";

Bis-saħħa tal-art. 8 tal-Kap. 163 huwa mogħti l-poter lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur illi jagħmel regolamenti, taħt l-isem ta' "Polling Regulations", għat-tmexxija tal-elezzjonijiet; u fost ir-regolamenti li ġew hekk maħruġa ġie magħmul ir-regolament 27(6), bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 340 tal-11 ta' Lulju 1947, li jiddisponi illi "if any voter . . . . . shall request the Assistant Commissioner to read out the names of the candidates of one particular party only, the Assistant Commissioner shall do so by reading in alphabetical order the names of the candidates who have supplied an indication of their adhesion to that party and omitting the names of the other candidates";

Meta ntqal fir-regolament 7(1) tal-Kap. 163, fuq riferit, illi l-kummissjunarji għandhom jagħmlu, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet espressi fl-Ordinanza, komprizi fiha bħala parti ntegrali tagħha r-regolamenti maħruġa taħt l-istess Ordinanza, dak kollu li jidhrilhom li hu meħtieġ għat-tmex-

xija *tal-elezzjoni*, *basta li dak li jagħmlu ma jkunx* kuntrarju għad-disożizzjonijiet tal-istess Ordinanza, u magħha tar-regolamenti *magħmula taħtha*, *il-liġi* tgħat poteri diskrezzjonali lill-Kummisjunarji. Dawn il-poteri, però, għalkemm diskrezzjonali, għandhom *ikunu*, *in forza* tal-istess liġi, fil-konfini tal-istess Ordinanza, kompriżi magħha l-"Polling Regulations", fosthom dak 27(6) fuq imsemmi. Hija regola illi l-Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja ma jissindakawx l-eżerċizzju ta' poteri diskrezzjonali, sakemm dawn *jiġu eżerċitati fil-limiti* tal-istess *liġi*. B'dan il-mod, dawn il-Qrati jkollhom ġurisdizzjoni li jippronunzjaw ruħhom dwar l-eżerċizzju ta' *dawk il-poteri*, biex jaraw biss jekk dawn ġewx eżerċibbli skond l-istess liġi, u fil-każ biss li jsibu li ma kienux hekk eżerċitati jistgħu jiddikjarawhom "ultra vires", u hekk ta' ebda effett;

B'dan il-mod, il-kwistjoni f'din il-kawża tirrestrinġi ruħha għall-eżami jekk id-direzzjoni riferita, li ta' l-konvenut *lill-Assistenti Kummissjunarji*, kienetx fl-ambitu tal-liġi, u partikularment fil-limiti tar-regolament 27(d) fuq ċitat;

Skond l-istess regolament, *l-Assistenti* Kummissjunarji huma awtorizzati, meta huma jkunu sejrin jassistu skond il-liġi lil xi votant, illi, meta l-istess votant *jitlobhom* li jaqrawlu l-isem tal-kandidati ta' partit wieħed partikulari biss, huma għandhom jaqrawlu l-ismijiet fl-ordni alfabetiku *ta' dawk il-kandidati* li *jkunu ndikaw* l-adeżjoni tagħhom ma' dak il-partit, u l-istess Assistenti Kummissjunarji għandhom *iħallu* barra *l-ismijiet* tal-kandidati l-oħra;

Issa, id-direzzjoni mogħtija *mill-konvenut* lill-Assistenti Kummissjunarji, fid-diskrezzjoni tiegħu, kienet fl-ambitu ta' dan ir-regolament?

Irriżulta illi l-attur u l-kandidati li ħarġu mal-partit *tiegħu*, *ħlief il-Professur* Ġużè Galea għall-ewwel u għall-ħames distrett, u Paul Peter Portelli għall-għaxar distrett, iddeskrivew *il-partit tagħhom* fin-"nomination paper" bħala, "inter alia", "Partit tal-Ħaddiema Nsara"; u fil-każ tal-Avukat George Zammit bħala "Christian Workers Party". Bl-istess deżinjazzjoni isimhom jidher fil-"ballot papers"

relattivi, skond id-dokumenti eżibiti. Irriżulta wkoll illi hemm fost il-kandidati oħrajn illi, għad-distretti elettorali kollha, iddeskrivew, kif fin-"nomination paper" u kif hemm riprodott fil-"ballot papers", bħala, "inter alia", "Malta Labour Party" il-partit li għalieh, huma jappartjenu bħala kandidati f'din l-elezzjoni;

Irriżulta mid-depożizzjoni tal-konvenut u dik ta' Dr. Scerri, wieħed mill-Kummissjunarji għal din l-elezzjoni illi d-direzzjonijiet in kwistjoni ngħataw wara li l-Kummissjunarji kkunsidraw kif, fil-fehma tagħhom, hu magħruf "vulgo" il-Malta Labour Party" mill-votanti in ġenerali; jiġifieri bħala l-"Partit tal-Ħaddiema", kif kontraddistint mill-partit tal-attur, ċjoè il-"Partit tal-Ħaddiema Nsara". Xehed ukoll l-attur illi huwa kkwalifika l-partit tiegħu bl-aġġettiv "Nsara" preċiżament biex dan il-partit ikun distint minn dak tal-"Malta Labour Party";

Issa, il-kelma karatteristika tal-Malta Labour Party hija l-kelma "Labour", mentri dik tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara, kif anki l-istess attur impliċitament, jekk mhux għal kollox espressament, jaċċetta, hija l-appellattiv "Nsara". B'dan il-mod, dawk il-votanti li jindikaw lill-Assistenti Kummissjunarji l-partit li għalieh iridu jivvutaw bħala l-"Partit tal-Ħaddiema", ma jkunux qegħdin jirriferixxu għall-partit tal-attur, li għażel bħala karatteristika partikulari tal-partit tiegħu l-kelma "Nsara". imma għal dak il-partit li, għalkemm hu tal-ħaddiema, "labour", din il-karatteristika fl-isem tiegħu ma għandux. Ta' min josserva — ħaġa li hi ta' patrimonju komuni, u l-Qorti tista' hekk tieħu "judicial notice" tagħha — illi fil-kampanja elettorali ta' din l-elezzjoni, propaganda, stampa, u mezzi oħra ta' dix-xorta, kull partit għamel ħiltu minn kmieni qabel l-elezzjoni, biex idarri lill-votanti l-isem li bih huwa jrid li jkun magħruf. Hekk bilfors kienet parti mill-propaganda tal-partit tal-attur illi l-partit tiegħu mhuwiex sempliċement il-"Partit tal-Ħaddiema", imma tal-Ħaddiema "Nsara"; u kif diġà ntqal. kien l-attur stess li ta' r-raġunijiet għal din il-kwalità illi hu ried enfatikament jagħti lill-partit tiegħu;

Issa. il-konvenut, flimkien mal-Kummissjunarji l-oħra,

kif xehed l-istess konvenut, ried li din id-distinzjoni bejn iż-żewġ partiti fuq imsemmijin, li diġà kienet teżisti fl-isem u matul il-kampanja elettorali, tirrealizza ruħha propriju waqt l-elezzjoni, meta votant jitlob l-għajnuna tal-assistenti kummissjunarji biex jivvota, billi jsemmi, mhux il-"Partit tal-Ħaddiema Nsara", *imma sempliċement* il-"Partit tal-Ħaddiema". Hu verosimili, fil-fehma tal-Qorti, illi jkun l-istess attur li jsib oġġezzjoni illi l-partit li hu ħoloq, *li tiegħu huwa l-kap*, u li tħabat għalieh tant matul il-kampanja elettorali kollha, u li, fuq kollox, tah il-kwalifika ta' "Nisrani", ikun hemm min isejjaħlu biss "il-Partit tal-Ħaddiema". F'dan il-każ, ikollu raġun l-attur li jwieġeb:— "Dak mhux aħna, imma l-oħrajn";

Jekk, għalhekk, il-konvenut, kif jidher li għamel, żamm quddiem għajnejh dawn ir-riflessjonijiet biex wasal li jagħti d-direzzjonijiet li huwa ta, kif jista' jingħad illi huwa ħareġ barra mil-limiti tal-liġi bl-istruzzjonijiet in kwistjoni, u partikularment tal-art. 27(6) tar-Regolamenti?

Il-Kummissjoni Elettorali għanda l-fakoltà, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, li tagħmel dak kollu li jidhrilha li hu meħtieġ għat-tmexxija ta' elezzjoni, basta dak li tagħmel ma jkunx kuntrarju għal liġi. Il-liġi fdat it-tmexxija tal-elezzjoni f'idejn Kummissjoni, imponietilha obligi hija stess, imma tagħtha wkoll il-fakoltà li tuża d-diskrezzjoni tagħha għall-aħjar tmexxija tal-istess elezzjoni, kif bilfors kellha tagħtiha għall-espletament hekk delikat u onerus tat-tmexxija ta' elezzjoni politika. Sakemm ma jkunx irriżulta sewwa illi l-Kummissjoni ħarġet barra mil-limiti tal-liġi fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni, il-Qorti ma tindaħalx; għax diversament hija tkun qegħdha tissostitwixxi l-kriterju tagħha għal dak imħolli mil-liġi stess fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni, bi skonvolġiment tal-istess ordinament publiku f'materja hekk importanti bħal ma hija elezzjoni tar-rappreżentanti tal-poplu;

Billi, għalhekk, ma rriżultax illi l-konvenut aġixxa "ultra vires" fil-konfronti tal-liġi bid-direzzjoni tiegħu in kwistjoni;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li tiddikjara illi din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tissindaka l-istruzzjonijiet tal-konvenut indikati fiċ-ċitazzjoni, billi dawn ingħataw fil-poter diskrezzjonali tal-istess konvenut u hna kienux barra mill-poteri tiegħu skond il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-attur.